

Brussell, 9 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5027/20

FIN 4
INST 1
PE-L 1

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5007/20
Suġġett:	Trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 27/2019 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2019

1. Fit-3 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 27/2019.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 255.5 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagamenti minn 33 linja baġitarja taħt diversi intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-Artikoli 04 02 60 (*Fond Soċjali Ewropew - Reġjuni inqas żviluppati - Mira investiment għat-tkabbir u l-impjiegi*) u 11 06 60 (*Promozzjoni ta' sajd u akkwakultura sostenibbli u kompetittivi, żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd u tisdiq tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd*), u għall-Partita 05 04 60 01 (*Promozzjoni ta' żvilupp rurali sostenibbli, aktar bilanċjat territorjalment u ambjentalment, settur agrikolu tal-Unjoni aktar favorevoli għall-klima u innovattiv*), kif irreġistrat fid-dokument 5007/20.

2. F'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹, dan l-hekk imsejjaħ "Trasferiment tal-Aħħar tas-Sena" huwa maħsub biex ikopri pretensjonijiet pendenti u biex l-Istati Membri jiġu rimborżati għal pagamenti li diġà twettqu taħt ġestjoni kondiviża.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Jannar 2020.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost;
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak il-għan.

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill
lil : President tal-Kummissjoni
kopja: President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018², ngħarrfek li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 27/2019 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2019.

(Formula ta' għeluq).

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).